# IN-NAĦLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGĦA BIEX TGĦALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**

*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**52.** **28 ta' AUUISSU 1909.** **L-EUUEL SENA**

FTEHIM.

**Ħadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafnix, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux igedded, ingħoddu bħalha 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel disa xhur b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand il Fotografu VELLA u għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, it-tnejn fi Strada Rjali ta'l Belt fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għa'd-Direzzjoni għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo, għal l-Amministrazzjoni għand il Cav: G. E. INGLOTT, 24, Rue D'Argens, L-Imsida.**

## Fhiex jinsab il pajjis.

Jecc ŭieħed ijgħarbel bla partiti xejn biex jista jgħjid f'liema stat jinsab il pajjis għal dic li hi politica, ŭara li il Gvern ħall il Consill, biex minn haŭn u ftit ieħor, issir elezioni generali, ijsib ruħu mħaŭŭad għall-aħħar, u kiesu micsi bi dlamm ċappa.

Il curunell Seely li jagħmilha ta Sotta Sigretarju, ŭara li l-Onorevoli Curran u Roberts, żeŭġ Membri ta'l Parlament Ingliż, stakseŭh iżjed minn darba fuk ir-riforma ta'l Costituzzjoni—ħrafa li għandna, ŭiegibhom bi cliem ħelu zoccor: « li għalchemm il Costituzjoni li għandna m'hix ħaġa li ticcuntenta il Maltin, it-tibdil collu fiha, sejjer jcun f'id-daħla ta' tnejn mil cunsilieri ta'l poplu fil Cunsill ta'l Esecuttiv, magħkud collu minn cunsilieri tal Gvern, u daŭn iż-żeŭġ cunsilieri tal poplu jcunu imħallsin bi tliet mitt lira f'is-sena cull ŭieħed. »

Il maltin, xejn ma għandhom għalbiex jittajjru bil ferħ għal din ir-riforma li semma fil Parlament Ingliż il Curunell Seely; għax, minn floc ma *tana*, jigi sejjer *jieħdilna*, bħal ma jaħsbu in-nies ta' rashom tajba, u li ma jħarsux lejn il ħaġa fuk fuk, iżda jifluha b'ir-rekka collha. U għaliex, jistaksu il karrejja tagħna, minnfloc ma *jatina* sejjer *jeħdilna*? Dana x'logħob hu? Dina hi ir-raġuni: Cullħadd jaf, illi il Costituzjoni li għandna hi maħduma bi *tmien* Cunsilieri ta'l poplu u b'*għaxra* tal Gvern. Jagħmlu x'jagħmlu tal poplu, dejjem minn taħt; għax il cotra tal Gvern tagħleb dejjem! Immela, fil ħin li jidħlu tnejn, mit-tmienja ta'l poplu fi-Esecuttiv il poplu jitlef tnejn, u, minn tmienja, jisfa b'SITTA! U sitta x'katt jistgħu jagħmlu ma tnax ta'l Gvern? Mela ma hux ċar li minnfloc ma jati, il Gvern sejjer JEĦU? U dan minn ma jifhimx? Il boloħ biss, li jifirħu meta jakilgħulhom għajnejhom, ijgħidu li din hi riforma li ticcuntenta il poplu, li illum l-ebda maħluk ma għandu jitmellaħ bih għax jidħirlu li ma jifhimx!... Il poplu jifhem ŭisk iżjed aħjar minn daŭc li jidhrilhom jixtuh fl-ixcora Il poplu għajnejh dakshiex, u xejn ma jisgiċċalu minn kuddiemu. Araŭ chemm hu hecc. Meta il poplu kara f'il gazzetti ta'l pajjis b'il malti u b'it-taljan x'kal is-Sotta Segretarju, thanfes għal collox u ma contx tisma, bħal ma għadna nisimgħu: « X'ijrid il Ministru; jixtri bħal li-mgħoddi, xi tnejn jeŭ tlieta bi tliet mitt lira u il poplu jibka lampa stampa, mibjuh sabiħ sabih? Minnfloc ma jżid, ijrid inakkas minn numru ta'l Cunsilieri? U min għandu stoncu hecc jiebes li jaccetta il post fl-Esecuttiv, mixtri bil flus, fil ħin li jcun jaf li ma jistax jagħmel gid il pajjis? U tgħid il poplu, mgħallem spejjes tiegħu, sejjer jinkabat u jivvota għal nies minn din il fatta?

Hecc jirraġuna il poplu, li, għal xi ħadd, ma jifhimx.... Il poplu tà prova li jifhem u jifhem għa's-sħieħ, għax li storja ta'l Esecuttiv għadu ma nsihjex.... għax il cliem ta' Savona għadu jżarżar f'ŭidnejh, u il cliem ta'l Avucat Mizzi (li chemm il darba seħet il ħlas ta't-tlieta ta'l Esecuttiv), għadu mictub f'il ctieb ta'l Cunsill. X'iżjed? Min chien mkabbad mis-Sur Azzopardi (li chien jinsab Londra), chitiblu li f'il poplu din it-taparsi ta riforma, kanklet għajdud cbir contra il Minstru u contra daŭc li jaħsbu bħalu.... U is-Sur Azzopardi, biex ijtaffi il biċċa u jixħet l-ilma fuk il ħuġġieġa, bagħat lil Avucat Turu Mercieca dan it-telegramm biex ijxandru fuk il gazzetti, u, b'hecc, il poplu jissabbar u jistenna sa chemm jigi Malta u jinfurmana b'collox.

It-telegramm chien hecc mictub:

« *Londra* 3-5-15.

*Avucat Mercieca.*

*Il-lum jiena u Mattej tchellimna mal Ministru. Qŭistioni Legislativ u jerġgħu jidħlu fil Cunsill il kassisin, għandhom jinħasbu. Nitlak is-Sibt.*

AZZOPARDI.

Issa, il ħsieb jecc għandux il Ministru jirriforma il Legislattiv, igifieri jati maġġuranza lil poplu u minoranza lil Gvern bħalma chellna fil Costituzzjoni li kerdulna, u jecc il kassisin għandhomx, m'il ġdid, bħala cittadini li jħallsu it-taxxi, jidħlu fil Cuusill, chif msemmi fit-telegramm, jati ŭisk x'jaħseb lil min fuku jtalla u jniżżel xi ftit.

Bejn dan ix-xahar u id-dieħel, il Littri Patenti—(igifieri il Proclama ta'l Gvern li bih ijgħarraf lil poplu ir-riforma ta'l Costituzzjoni)—jcunu stampati fil Gazzetta ta'l Gvern.

Jecc il ħsieb ta'l ministru jigi mitmum, ŭara id-discursata li chellu ma Mattei u ma Azzopardi, li, bla dubju, semmeulu l'impurtanza li il Cunsilieri tal poplu ma għandhomx jibkgħu mgħaffgin m'il vot ta'l Cunsslieri ta'l Gvern, incunu nafuh u ncunu nistgħu ngħidu jecc il maŭra ta Mattej u ta Azzopardi f'Londra sŭiet xi ħaġa, għalchemm il poplu jaħseb li il ħlas ta' tnejn ta'l Esecuttiv hu tentazzzjoni li dejjem ŭakkgħet xi nies f'id-dnub, sa chemm bakgħu hemm geŭŭa.

Iżda, jecc il ħsieb tal Ministru, fuk daŭn iż-żeŭġ qŭestionijet jibka HSIEB BISS, u, biex jigi għal fatti, hemm bżonn li ŭieħed jitkanna jistenna il Messija, il poplu ma jcun kala XEJN iżda jcun tilef żeŭġ Cunsilieri, li meta jidħlu fl-Esecuttiv, jecc il poplu jħallihom, jcollom b'il FORS jivvutaŭ mal maġġuranza ta'l Gvern imkar jecc kabel ijcunu ivvutaŭ contra fl-esecuttiv. U, b'hecc, il poplu jigi jitlef tnejn, u il Gvern jirbaħ tnejn. TNAX CONTRA SITTA!! U b'sitta contra tnax x'jista jagħmel il poplu? U x'jistgħu jagħmlu għalieh it-tnejn ta' l'Esecuttiv jecc il vot tagħhom jigi dejjem mirbuħ minn għaxra ta'l Gvern? U għal fejn jista jservi il ħlas ta' tnejn jecc gid ma jcunux jistgħu jagħmlu lil pajjishom?

Haŭn nies u xi gazzetta b it-taljan, li jidrilhom, milli kiegħdin jictbu, li it-tnejn ta' l'Esecuttiv huma meħtieġa, għax ijcunu jafu x'fiha il borma. U billi ijcunu jafu x'fiha, jecc ma jistgħux ijgħidu jecc hux velenu jeŭ le, għax marbutin b'il ġurament? Chiecu il poplu jcollu il maġġuranza, forsi ŭieħed jista jakbel ma min jidhirlu li il Cunsilieri ta'l poplu fl-Esecuttiv jinħtieġu, iżda BLA HLAS bħal ma sostneŭ fil Cunsill ŭisk drabi l'Avucat Mizżi u Savona.

A. DALLI.

Marsilja 20 ta' Aŭŭissu 1909,

Nin,

Kabel siefirt ħadt miegħi il *Patriota* ta'l 14 t'Aŭŭissu u abbord krajt bi pjacir cbir l-articolu di fondo ta' Vampert; ŭaħda għaliex hu sabiħ u ir-raġunat tasseŭ u it-tieni għaliex nakbel miegħu ħaġa b'ħaba.

Jiena ġa għedt f'ŭieħed m'id-dialoghi li dehru f'in-« Naħla » li meta jatuna id-dħul ta' żeŭġ membri fl-Esecuttiv bla ma jcattru il għadd ta'l-Legislattiv ijcunu għamlulna ħsara cbira u m'hux gid. Ijnakksulna il minuranza li ġa għandna bla ma it-tnejn li jidħlu fl-Esecuttiv ijcunu jistgħu jisŭeŭlna għal xejn imkar ijcunu l-actar żeŭġ galantomi gŭappi li għandna f'Malta u ma jcunux minn daŭc li chellna ħafna bħalhom fl-imgħoddi li jagħmeŭ għat-tlellix ta't-tliet mitt lira. Jecc jibdgħu jifhmu il qŭestionijiet l-istes bħal Membri Ufficcjali li hemm gŭaj għaiina għaliex ijsiru tnejn contra cull cunsilier li jibkagħlu il poplu; jecc ma jiimuhiex bħalhom tnejn ma'l cotra x'jistgħu jagħmlu?

Mela jecc l'Inghilterra bi ħsiebha tatina biss dana igifieri id-daħħlilna biss żeŭġ membri fl-Esecuttiv, hemm bżonn li ma nħallux min ijbiegħilna bżieżak bl-anterni u nifthu għajnejna u nipprotestaŭ irŭieħna b'ħilitna contra dina ir-riforma ta'd-daħk f'il ŭicc u hemm bżonn li jecc is-Sur Cicc b'ŭiccu tost collu joħroġ b'il programm li jaccetta dina il ħaġa jecc m'hux ucoll li jgħid grazzi lil Ministru, hemm bżonn li jitkanklu tmien galantomi minn daŭc li xebgħu sa mnieħirhom m'il politica utilitarja (li taħseb għal rasha u għal butha) ta'l hecc imsejjaħ Partit Nazzjonali li jitgħeżŭer f'dac il-liżar monopolizzatur li jissejjaħ ucoll il Calzetta ta' Malta u joħroġ b'elezzjoni ta' protesta ħalli nuru lil Ministru u lill poplu ingliż collu li m'hux tasseŭ li il Maltin collha huma minn daŭc li meta takilgħilhom għajnejhom joħorġu jidħku. Fuk collox hemm bżonn ħaġa: li min joħroġ Cunsilier ijŭiegħed li ma għandux jieħu it-tliet mitt lira jeŭ li jatihom lil xi Istitut. Il Cunsilieri ma humiex issa kiegħdin jaħlu żmien u ħsieb u cliem bla flus? Ijcomplu jagħmluh fl-Esecuttiv. Min għandu x'jagħmel l-akua ma jintrigax, iżda l-affari ta'l ħlas ma togħġobni xejn u xejn.

Mela għal l-Elezzjoni li gejja hemm bżonn li il poplu jistembaħ ftit u jiftaħ għajnejh biex ma jħallix lill daŭc li katt ma jatu cażu meta jitilgħu fuk is-siġġu ta'l bellus, issa jiġu jmellsuħ b'il chelma it-tajba sa jieħdu minn għandu dac li ijridu u imbagħad jatuh b'is-siek.

Jecc is-Sur Cicc ijfittillu (għa'x ma jistax ijgħaddi minn għajrcom f'dana il mument), jagħmel xi « meeting » għidulu f'ŭiccu bla misthija ta' xejn: « Inti illum sirt taf bina għala ilna tant nitolbuc meeting biex tfehimna chif inhi miexja id-dgħajsa ta'l Cunsill u katt ma tajtna ŭiden? Issa trid m'il ġdid il vot tagħna għaliex tħabatt biex gibt it-tliet mitt lira lill daŭc li jidħlu f'il Cunsill bla ma ftacart li l-Avucat Mizzi li int taparsi dħalt b'successur tiegħu katt ma ried jaf bi ħlas għal daŭc li jidħlu fl-Esecuttiv? Aħna natuc il vot iżda trid tŭiegħidna bi programm solenni li jecc tidħol fl-Esecuttiv it-tliet mitt lira tatihom lil Fra Diegu jeŭ lill xi Istitut ieħor fkir u li ma tbiegħniex bx'impieg li jatic baxx baxx il Gvern talli b'dina il politica li għal taparsi hi għal gid tagħna ma intix ħlief tirfed actar lilu.

Mela jecc ir-Riformi ijcunu biss chif kiegħdin jidħru hemm bżonn li issir elezzjoni ta' protesta igifieri li minn jitla Cunsilier jitlak u jgħid għala f'il Cunsill u li cull min joħroġ candidat għandu jŭiegħed li jecc il poplu jara li hemm bżonn li jidħlu tnejn jeŭ actar membri fl-Esecuttiv ma jitfgħu ġo buthom it-tliet mitt lira katt.

Minn ma joħroġx b'dana il programma jcollu il faħam miblul: ijcun ijrid jiecol m'il Cunsill, ijcun ŭieħed li kiegħed jaħdem m'hux għax ijħobb lil pajjsu u jixtiek jaraħ miexi il kuddiem iżda biex ijżid id-deżerta ta' tliet mitt lira f'is-sena. Lil daŭna iftħu għajnejcom! la tatuhomx vot, iżda tuh lil min ijŭiegħidcom li jrid jaħdem għal imħabba ta'l pajżanı tiegħu biss u li jecc ir-Riformi jibkgħu daŭc li jidħru s'issa jitla biss biex jipprotesta ruħu u jinżel. Cull programm ieħor hu contra il gid ta'l poplu.

Inselli għalic ħafna u għal l-imsieħbin collha ta'n-« Naħla » li dejjem tibka tfittex il gid ta'l poplu.

A. LEVANZIN.

# FRAC.

B'il għajnuna t'Alla u ta'l ħbieb tagħna u ta'l ilsien malti b'dana il għadd ta'n-« Naħla » nagħilku l-eŭŭel sena ħajja u meta inkiegħdu idna fuk kalbna naraŭ li ftit għandna x'ingħemgmu. In-« Naħla » intgħoġbot u m'il l-eŭŭel chisret l'il għadd ta'l imsieħbin lil gazzetti l-oħra u daŭna l-imsieħbin bakgħu dejjem jiżdiedu li illum nistgħu ingħidu ftit jonksu biex ijlaħħku l-elf, li għal Malta, għal gazzetta b'il malti u għa'ż-żmienijiet ta' għacs li kiegħdin fihom nistgħu ingħidu li huma xi ħaġa cbira. Tasseŭ li għadhom ma ħallsunhiex collha iżda ftit minnhom hemm x'ŭieħed ijbarri.

Il collaboraturi ħalleŭna mixtieka ħafna m'il għajnuna tagħhom; x'uħud riedu jictbu biss dac li jdokk lilhom u actarx lili iżda li ma tantx jogħġob lill imsieħbin u billi ma stajtx nakdihom tnaffru; oħrajn isserveŭ b'il gazzetta sa chellhom bżonn għal xi tir ta moħħom u imbagħad giebu l-iscuża li cullħadd daħak biha li ma jridux jictbu actar f'il gazzetti u sa ftit ġranet ilu deher isimhom f'il ġurnali; fi ftit cliem m'il ħafna egħŭiedi li għamluli ftit li xejn seħħu; iżda b'dana collu in-« Naħla » bakgħet tintela u b'għasel bnin.

Ħafna għedeŭŭa, u fosthom xi colleghi, għamlu chemm felħu biex ijtajjruna fl-arja u inkdeŭ bl'acbar tnassis mokżież, iżda bakgħu b'xiber imnieħer għaliex ma niggżux ħlief subgħajhom.

In-« Naħla » bakgħet tittajjar dejjem ferħana u bi ħsiebha tibda sena oħra actar fuk ruħha u li tħabrec iżjed biex tati lil l-imsieħbin tagħha għasel mi'l actar bnin li tista ticseb.

Ma dana l-imrar dokna ucoll ħafna ħelu ma tul is-sena. Meta inħares lejn il-lista ta'l imsieħbin inħossni nitgħaxxak x'ħin nara fiha il fjur ta'l aħjar nies maltin: Imħallfin, Cbarat ta'l Cnisja, Professuri ta'l Università, Tobba, Avucati, Cunventi fi ftit cliem daŭc in-nies collha li jistgħu jafu x'igifieri gazzetta suret-in-nies. U ħafna minn daŭna, għa't-tingħiża ta' xi ftit insetti schifusi, ŭiegħbu bl-isbaħ cliem ta' tifħir biex jagħmluli il kalb u ittra ta' ŭieħed minn daŭn biss hi għalija b'iż-żejjed biex tfarraġni m'il imrar ta'l elf ittra anonima li imbagħtu contra tiegħi u contra marti minn ħafna vili li lankas chellhom il ħila li juru ŭiċċhom.

Nista nipprova li ŭieħed biss minn nies tasseŭ intelligenti li għandi imsieħbin f'in-"Naħla" ma telaklix il "gazzetta" għax ma għoġbitux. Dana jkaŭŭili kalbi ħafna u jħaġġiġni biex nibka nimxi b'il curaġġ collu il kuddiem. Meta il gazzetta tiegħi hi mirfuda m'il fjur ta'l intelligenza maltija, minn daŭc li ħlief tiegħi katt ma issieħbu f'gazzetta maltija, ħalli in-nemus ijżanżan għal xogħlu... ma hux sejjer ijseŭŭdilna kalbna jeŭ ijberridna f'ix-xogħol tagħna.

Mela f'il ħin li irrid nżżiħajr b'kalbi collha lil daŭc li kaŭŭeŭli kalbi billi ħafna minnhom (u l-aħjar nies) geŭ huma stess ijfittxuni biex jissieħbu, jeŭ li ħeġġeġuni b'il chelma ta' fejda tagħhom, jeŭ billi tħabtu biex sabuli imsieħbin ġodda jeŭ fetħuli għajnejja biex il gazzetta dejjem toħroġ aħjar, infittex li nogħġobhom actar billi nagħmel u ngib f'il gazzetta ħŭejjeġ li f'il ħin li jintgħogbu jcunu ta' gid għal poplu billi jgħallmuh u jiddefendulu, bl-indipendenza collha, id-drittijiet tiegħu; u għalhecc inroddilcom mitt sena għomor ħienja u b'cull risk mimlija.

★

Billi nixtieku nispiċċaŭ l-eŭŭel sena b'ir-risk ma'l imsieħbin tagħna collha nitolbu lill daŭc collha li jixtieku jillegaŭ in-naħla m'hux biss li jgħarrfuna jecc għandhom xi numri nieksa jeŭ imkagħbra jeŭ m'hux stampati seŭŭa ħalli naraŭ nistgħux niddubbaŭŭomlhom iżda li jgħidulna li jixtieku jillegaŭha daŭc ucoll li għandhom in-numri collha ħalli jecc naraŭ li hemm numru sabiħ nistampaŭ frontispizju u indici li natuhulcom b'XEJN.

Jecc xi imsieħeb ma tul dina is-sena dehirlu li ma kdejniehx f'xi ħaġa chif xtak hu u malajr jiftacar li f'il gazzetta l-eŭŭel ma ingib dac li hu ta' gid għal cullħadd u m'hux dac li hu ta' gid privat ta'l imsieħeb. Dana jista jsaksieh lili ŭiċċ imb'ŭiċċ u jiena fejn nista ingħin b'il kalb collha f'il ħŭejjeġ privati ucoll lil daŭc l-imsieħbin li jgħinu lili. Jecc ma ŭiegibthomx malajr jistabru ftit billi jiftacru li jiena irrid niccuntenta elf fehma differenti u li dan hu ŭisk diffiċli li nagħmlu seŭŭa u b'il ħeffa u li jiena billi ma ingħix m'il gazzetta, irrid l-eŭŭel inlaħħak ma dac li jkallagħni il ħobs ta'l familja tiegħi. Ftacru biss li jiena s'issa tajtcom ħafna privileġġi li għadhom ma taŭhomlcom l-ebda gazzetti oħra u għalhecc la tagħmluhiex ta' rgħab li actar ma ŭieħed jaticom actar titolbu u bosta minncom b'il herra.

Ftacru ucoll li gazzetta bħal tagħna ma iżżommx b'ir-rieħ u għaldakstant nitolbucom li tcunu puntŭali chemm jista jcun f'il ħlas u lil dauc li għadhom l-ura nitlobhom għal mitt darba li ma jħabbtuniex u li ma jgegħluniex contra kalbna li nieħdu passi jiebsa biex niġbru flusna; ħaġa li jcollna nagħmlu chemm il darba ma jfittxux jakdu dmirhom magħna bħal ma jidhirli li aħna kdejnieh magħhom.

★

L-Imsida illum saret belt żgħira u għajb li ma għandhiex spiżżerija li hi ħaġa tant meħtieġa u l-actar b'il-lejl. Il ŭaħda li chienet tŭaħkfet sfrattat billi xi nies chienu jinkdeŭ biha f'il ħŭejjeġ ta' ħtieġa cbira biss. Issa krajt li f'il 25 ta' dan ix-xahar sejjra tarġa tiftaħ oħra ġdida, il «MISIDA PHARMACY», u li dina sejjer jiftaħha l-Ispizzjar intelligenti Archanġ Agius hu il Professur Tumas ta'l Università. Iż-żagħżuħ hu ta' ħila u jaf ijmur tajjeb ma'n-nies għaldakstant nitma li in-nies ta'l Imsida jagħmlulu il kalb ħalli jcollhom Spiżżerija-suret-in-nies bħal bliet oħra.

★

Nitlob lil daŭc l-imsieħbin collha li jonkoshom xi numri u talbuhomli li jagħdruni billi cont imħabbat ŭisk u ma chellix iż-żmien biex inkalleb il gazzetti u insibhomlhom. Iżda ma għandhom għa'x jiddejjku xejn billi numri imgħoddija mnejn natihomlhom għandi merfugħa u malli nigi m'is-safar nakdicom m'il actar fis li nista. L-istess għal min għad għandu jieħu xi premju.

★

It-tabib ingliż Walter R. Hadwen li għandu icun, milli chiteb fil *Contemporary Review* jat biżżejjed x'igħid, uakka dac collu li il Cummissioni Riali kalet fuk il ħtija tad-deni li għandna Malta. Għalieh il ħalib ta'l mogħża, m'hux ħlief fantasia tal għorrief tal cumissioni, u scont l-opinioni tigħou, hu biss, ma jistax icun il bidu ta dan id-deni. Chif jaħseb il Port il cbir, Marsamxett, u xi quartieri li ma humiex indaf u ariusi biżżejjed, chif ucoll l-aria inpestata b'xi riħa ħażina (ngħidu aħna ta'd-drenaġġ) huma il ħtija ta' collox. Jista icun li il ħalib jigi mittiefes, iżda hemm xi ħaġa *oħra* li għanda tinkered, biex jinħasad id-deni mil Gżira. Il Gvern tagħna, u it-tabib Caruana Scicluna li m'it-tabib Hadwen gie, mniggheż bla xejn cumplimenti; u il comissionijet li ħolok dan l-aħħar il Gvern, għandhom jaraŭ x'jagħmlu biex jistudjaŭ tajjeb din il custioni u jekirdu il vera ħtija tad-deni, u jħallu fil cuiet il mogħża maltija li tathom tant f'għajnejhom.

# Esperanto

*Mi amas la patron*—Jiena inħobb lil missier.

*Venu kune kun la patro*—Ejja flimchien ma'l missier.

*Kune* hi l-avverbju magħmul minn *kun* b'iż-żieda ta'l E li turi l-avverbji.

*La filo staras apud la patro*—L-iben kiegħed ħdejn il missier.

*La mano de Johano estas pura*—Id Ġanni hi nadifa.

*Mi konas Johanon*—Jiena naf lil Ġanni.

*Ludoviko, donu al mi panon*—Dovic, tini il ħobż.

*La birdoj flugas*—L-għasafar ijtiru.

*La kanto de la birdoj estas agrabla*—Il għana ta'l għasafar hu ħelu.

*La knabo forpelis la birdojn*—It-tifel cheċċa barra lil l-agħsafar.

*Bonoj infanoj lernas diligente*—It-tfal it-tajba jitgħallmu seŭŭa.

*Aleksandro ne volas lerni kaj tial mi batas Alexandron*—Xandru ma jridx jitgħallem u għalhecc jien kiegħed insaŭŭat lil Xandru.

*De la patro mi ricevis libron kaj de la frato mi ricevis plumon*—minn għand il missier ircevejt ctieb u minn għand il ħu irceveit pinna.

*Mi venas de la avo kaj mi iras nun al la onklo*—Jiena gej minn għand in-nannu u jiena sejjer issa għand iz-ziju.

*Mi legas libron*—Jien kiegħed nakra ctieb.

*La patro ne legas libron sed li skribas leteron*—Il missier ma hux kiegħed jakra ctieb iżda hu kiegħed jicteb ittra.

*La papero estas blanka*—Il carta hi bajda.

*Blanka papero estas sur la tablo*—il carta il bajda kegħda fuk il mejda.

*Rokontu al mia juna amiko belan historion*—Għid l'iż-żagħżuħ ħabib tiegħi storja sabiħa.

*Mi ne amas obstinajn homojn*—Jiena ma nħobbx l'in-nies ta' rashom jiebsa.

*Mi deziras al vi bonan tagon, sinjoro!*—Jiena nixtieklec ġurnata tajba, sinjur!

*Bonan matenon!*—Għodŭa tajba,

*En la tago ni vidas la helan sunon, kaj en la nokto mi vidas la palan lunon kaj la belajn stelojn*—Ma'l ġurnata aħna naraŭ ix-xemx li tlekk ħafna, u ma tul il lejl aħna naraŭ il kamar mitfi u il cŭiecheb sbiħ.

———

Ingħaddu issa għal gradi ta'l paragun ta'l aġġettiv. Ħaġa tista tcun sabiħa, actar sabiħa, jeŭ l-actar sabiħa fost collox, jeŭ tista tcun sabiħa ħafna bla ma tkabbilha ma ħadd. Meta tgħid li ħaġa hi biss sabiħa hu il grad *posittiv*; meta tgħid li hi isbaħ minn oħra hu il grad *comparattiv*; meta tgħid li hi l-isbaħ ŭaħda fost oħrajn hu il grad *superlattiv*; meta imbagħad tgħid li hi sabiħa ħafna bla ma tkabbilha ma ħadd icun is-*superlattiv assolut*.

Il *comparattiv* ijsir iżżid *pli* u *el*.

*Li estas pli forta al vi*—Hu actar b'saħħtu minnec.

Tista tnakkas billi tgħid: *Li estas malpli forta al vi*—Hu ankas b'saħħtu minnec.

(*Jissocta.*)

# Għomja Famusi.

(*Jissoctaŭ minn numru ta' kabel.*)

### Luigi Braille

dac li sab chif il għomja għandhom jictbu fl-1834 chien għama hu ucoll fl-Istitut ta'l għomja ta Parigi. Kablu ħadd ma chien ŭasal biex isib xi mezz chif il għamja jistgħu jictbu; biss Valenti Hauy, hu il famus Abati Hauy li jsejjħu il missier ta'l cristillografija għal ħŭejjeġ ġodda li sab fuk il ħajja ta'l cristalli fl-1784, ŭakkaf f'Parigi l-eŭŭel Istitut biex igħallmu lil għomja. Il Patri Lana Terzi, fl-1670, chien chiteb ctieb fuk chif għandhom igħallmu il għomja u l-Abati Deschamps chien ittanta ucoll biex jara chif igħallimhom jictbu u jakraŭ iżda ma ŭaslu imchien. Chien Hauay li stampa l-eŭŭel ŭieħed it-tipi u beda jgħallimhom iħossuhom b'it-truf ta' subajhom u b'hecc jakraŭ. Dan chiteb ctieb fuk it-« *Tagħlim ta'l Għomja* » fl-1786 li kalbu għal l-ingliż

### Dr: Thomas Blacklock

poeta inglis u li chien għama hu ucoll. Sa ħaŭn il għomja chienu jafu biss jakraŭ billi iteftfu it-tipi b'subgħajhom; Braille sa chif jistgħu jictbu ucoll. Barra minn dan sabu modi oħra ta' chitba Carton Fry, Moon, Alston u Howe, f'il Belġju, fl-Inghilterra u fl-Istati Uniti iżda l'is-sistema Braille ma chisruħx. Iżda dan ma chienx b'iż-żejjed billi dac li jictbu il għomi b'is-sistema Braille ma nafux nakraħ aħna jecc ma nistudjaŭhx billi l-ittri huma ticchi bħal ma huma daŭc ta't-telegrafu. Chien hemm bżonn li xi ħadd igħallem lill għomi li jictbu b'mod li il chitba tagħhom nistgħu nakraŭha aħna billi jictbu bl-ittri li nużaŭ aħna u dana sar ftit snin ilu m'is-Sinjurina Mulot ta' Angers fi Franza li għandha hemm Scola għal għomja; u is-sistema tagħha gie imfaħħar ħafna u ġa bdeŭ jużaŭh f'ħafna schejjel ta'l għomja fl-Eŭropa u fl-America. B'dana l-apparecc il għomja jictbu b'ħeffa li tgħaġġeb, u hecc ċar, li jista jakrah cullħadd.

### M. Tawcett

għad li bla daul giè maħtur bħalha Direttur ta'l Posta u ta't-Telegrafu f'Londra. Dana miet f'Cambridge fl-1884. Ta ħamsa u għoxrin sena beda jieħu sehem f'il Politica iżda darba mar il caċċa, sparaŭlu għal ŭiċċu bi sball u baka għama fl-1859. Meta fl-1864 mar fi Brighton biex jagħmel taħdita lill eletturi ħalli jaħtruh membru ta'l Parlament fehimhom chif ġrat din id-disgrazzja tiegħu u kallhom li hu xejn ma nakkas m'il ħidma u m'il ħsiebijiet ta' ħajjtu għad li chien tilef id-daŭl għal collox. F'il ħin li chienet tħallilu ħieles il politica chien jircheb fuk iż-żiemel, jiżżerżak fuk is-silġ, jeŭ ijmur jistad għa's-salamun f'ix-xmara bħal sħabu l-oħra bla ma corra katt. Bħalha Cap ta Posta importanti bħal dic, dejjem mexxa collox ħarir u daŭc li chienu impjegati taħtu dejjem bakgħu jfaħħruh bħalha bniedem ħaŭtiel u li dejjem kegħda dmiru bla tmegħir ta' xejn.

### Tobija

ta'l Iscrittura chien ucoll għama għad li ismu baka biss jissemma billi insibuħ f'il Ctieb Imkaddes u billi gie imfejjak m'il għama tiegħu b'il miraclu ta'l fŭied ta'l ħuta li l-anġlu giegħel lil Tobjolu jkegħidlu fuk għajnejh.

(*Jissoctaŭ*).

# Il Melodramm Malti.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

Le scene sono state molto ben eseguite ed il Signor V. Cremona merita realmente un *prosit* di cuore.

Le impressioni del pubblico in generale, come pure le nostre, sono precisamente che noi ci troviamo di fronte ad un vero e grande Maestro di Musica degno realmente dell'entusiasmo che ha saputo suscitare. Il *Frazir* non passerà certamente inosservato all'estero, perchè in esso ci sono delle bellissime pagine di musica che impongono l'attenzione di tutti. La prima del *Frazir* rimarrà per certo una serata indimenticabile, perchè malgrado gli artisti che non sono stati sempre all'altezza del loro compito, sebbene la Tromben ed il Travaglini abbiano disimpegnato egregiamente bene la loro parte malgrado l'eccitamento d'una prima rappresentazione e lo stato conseguentemente nervoso ed incerto di tutti, è stata una serata veramente artistica ed intellettuale, siccome il *Frazir* ha riscosso gli applausi di tutti i veri ammiratori dell'arte ed è nel pieno senso della parola un vero capo lavoro.

Dic li għamlet il parti ta' *Susanna* chienet l-intelligenti artista Elisa Tromben, li chienet intgħoġbot ucoll ħafna f'dic is-sena bħalha *Adriana Lecouvrier*; u il parti ta' *Frazir* għamilha it-tenur Giovanni Vals, li għalchemm ma chienx ŭieħed m'il guappi, iżda kala m'il aħjar li sata il parti tiegħu.

F'it-28 ta' Marzu ta'l istess sena saret is-Serata d'Onore ta'l Prof: Vassallo u jecc irnexxietx jeŭ le inħalluh ijgħidu il «Patriota» ta't 8 ta' April 1905 b'dana l-articolu li fih hemm imsemmija s'ar-rigali sbiħ li kala u il poesiji li chitbulu. Ingibu collox bħalha tifchira ta' meta il Maltin darba tkanklu għal ftit ġranet minn-nagħas tagħhom, tkil daks iċ-ċomb biex taŭ il gieħ li chien jistħokklu lil pajzan tagħhom chif chien ħakku.

## La serata d'onore del Maestro PAOLINO VASSALLO.

Negli annali dell'Arte musicale il 28 marzo resterà certamente indimenticabile.

Quella data segnava una leale dimostrazione fatta dai cittadini ad un cittadino di cui il FRAZIR, opera di soggetto patrio, si dava per sua serata d'onore.

Il Teatro, dietro la cooperazione di un Comitato, costituitosi per condurre più degnamente la festa d'arte, era decorato artisticamente, dai colori nazionali, di fiori, di nastri, e ritratti dell'Autore del *Frazir*, incorniciati in una lira.

L'uditorio, era stragrande. Tutto pieno della *elite* della società.

All'entrare del Vassallo, il quale dovea dirigere lo spartito, un'ovazione di quasi 5 minuti assordò il Teatro. Egli, commosso, ringraziava.

Le prime battute, echeggiarono ed un silenzio, quasi religioso, seguiva ai battimani di poc'anzi.

Ebbe, tra gli altri, 12 chiamate, come pure gli artisti, i quali si disimpegnarono ad una buona riuscita.

Dello spartito furono bissati diversi bellissimi pezzi.

L'intermezzo fu giudicato magistrale, e sempre lo si ripete.

Diverse rappresentanze di Circoli e di Musiche cittadine gli lessero degli indirizzi, a cui il Vassallo, quasi tremante dalla foga della commozione, rispose con appropriate e sentite parole.

Un numero considerevole di regali di valore, furono presentati all'autore del *Frazir*. I lettori troveranno più giù la nota dei doni e i nomi dei donatori.

Gli applausi, nei pezzi salienti dell'opera, furono molto numerosi; il grido di «viva Vassallo» «viva Malta,» era un interprete sicuro di una festa artistica nazionale, dovuta al genio maltese, al quale auguriamo nuovi successi e nuovi trionfi in future sue composizioni, ad aggiungergli verdi lauri a quelli che ha avuto dai suoi concittadini nella sera del 28 marzo.

Dopo lo spettacolo il Maestro Vassallo venne accompagnato fino a casa tra calorosi applausi dei cittadini.

Diverse poesie inneggiavano al merito del Vassallo; ne riportiamo alcune, le migliori, secondo noi.

Il sonetto di A. Calleja, che spingiamo oggi nell'aria libera della pubblicità, non ha avuto il *fiat* di veder la luce prima d'oggi, tanto sempre è una rivendicazione di un diritto, cui la società non ha il dovere di negare.

***

### REGALI PRESENTATI.

1. Una grande e ricchissima coppa d'argento massiccio. Il comitato a nome della cittadinanza maltese.
2. Un elegantissimo *album* di ebano con artistici fregi d'argento. I suoi allievi.
3. Uno splendido Porta fiori d'argento. Società musicale *San Giorgio*.
4. Un grande centro di bronzo. Circolo Nazionale *La Senglè*
5. Un bellissimo orologio d'argento da studio. Società musicale cittadina *La Vallette*.
6. Una grande tazza d'argento. Società musicale cittadina *King's Own*.
7. 6 tazze d'argento. Circolo e Filarmonica *Queen's Own*.
8. 6 cucchiarini d'argento dorato con figure di smalto. Il Comitato della società musicale *Duca di Edinburgo* ed i membri del Circolo omonimo.
9. Un elegante biglietto d'argento. Mro. Cav. Manlio Bavagnoli.
10. Una sottocoppa d'argento. Società musicale *H.R.H. Prince of Wales*.
11. Una bella cafettiera d'argento. Società musicale *Duke of Connaught*.
12. Un porta fiori d'argento. *Circolo Mandolinistico Silvestri*.
13. Una fruttiera e piattino d'argento. Società musicale *Beland*
14. Un calamaio e penna d'argento. *Circolo La Giovine Malta*.
15. Una bomboniera d'argento. Sacietà musicale *San Giuseppe*.
16. Una corona d'alloro con sfarzoso nastro tricolore. Signorina Elisa Tromben signori Giovanni Valls, Angelo di Laudadio e Baldo Travaglini.
17. Una lira musicale di fiori artificiali e corona d'alloro con sfarzoso nastro tricolore. Maestro Michele Battista e Corpo corale.

(*Jissocta.*)

# GĦA'N-NISA

**Il Vitella** ma tantx fiha togħma kaŭŭija. Biex it-togħma titjieb meta tagħmilha f'il forn katta ftit basal roti roti u kiegħidhom taħt u fuk il vitella u tara chemm tiecol aħjar.

**Min irid jiecol il fraŭli f'ix-xitŭa jagħmel** hecc: jixtri il fraŭli li meta torħos seŭŭa u jkis li jixtri dic li laħamha jcun ħaj u m'hux imgħaffeġ u dic il fraŭli li għandha ftit it-togħma karsa hi ŭisk aħjar m'il oħra għal cunserva. Kejsu li il frott ijcun misjur seŭŭa u nakkuħ m'iz-zcuc u jecc għandcom cazzola ta'r-ram għalluħ fiha. Għalli ma cull ratal fraŭli ratal żoccor u it-togħlija trid iddum għoxrin minuta. Meta għedtilcom għallu ma jfisserx li għandcom iżżidu ilma iżda meta tkiegħdu il frauli f'il cazzola fuk in-nar joħroġ ŭaħdu il merak m'il fraŭli li jibda jagħli fih. Meta tara li dana il merak beda jagħli għandec iżżid izzoccor u m'hux kabel u il fraŭli la tgħaffigħiex iżda ħalliha chemm tista shiħa. Ħalliha ittectec ħaŭŭad b'il mod u neħħi dejjem l-ixcuma. In-nar ma jridx ijcun kaŭŭi ŭisk biex it-togħlja issir b'il mod, u kis li tħaŭŭad b'imgħarfa ta'l għuda. Jecc il cunserva trid ittigħa ittogħma aħjar għalli għalieh ftit żbib sultana fi ftit ilma sa iġgibu donnu ġulepp u zidu ma'l fraŭli tagħli. Ibbottiljaŭ meta ticsaħ d'il cunserva f'il vasetti u għattiha chif għedna kabel u tara x'tiecol.

Jecc tigi għal idejc xi ftit fraŭli imgħaffġa u tcun tista tixtriha bi rħis tgħabba biha u agħmilha imbit chif sejjer ingħidlec jien: Ma tnax il parti fraŭli imgħaffġa żid għaxar parti sidru, seba parti ilma u għal cull gallun ilma ratlejn zoccor. Ħaŭŭadhom tajjeb u ħallihom jiffermentaŭ. Ŭara żid ftit trab ta'l iride fjorina, ftit leŭż morr maħcuc u ftit imsiemer ta'l kronfol maħcuca ma ftit tartru aħmar maħlul. Ibbottiljah u meta f'is-sajf jatic il għatx ferraħ żeŭġ t-isŭaba f'tazza cbira żid l-ilma frisc jeŭ b'biċċa silġ u tara x'tixrob. Jecc imbagħad tgħakkad ftit minn dana l-imbit ta'l fraŭli f'bezzun ta'l-luminata tixrob ħaġa tajba tasseŭ u naħseb li jecc ijsiru gelati ta'l fraŭli minnu jirnexxu tajjeb ucoll.

Jecc trid ijcolloc imbagħad x'tati it-tfal biex jokgħdu qŭieti għamel hecc. Ħu terz ilma żahar u għalli tajjeb fih chemm jiflaħ zoccor sa jigi ġulepp carc (ma *pint* ingliża tliet libri u nofs zoccor) Niżżel dana il ġulepp minn fuk in-nar ŭara li jcun għela għal ftit minuti u chit ijcun għadu sħun imlieh b'il fraŭli u ħalli jixxarrab fih għal siegħat. Ŭara saffih u kiegħdu f'il forn b'il bieba miftuħa biex jinxtorob l-ilma li jcun baka u izzoccor jiccristallizza u jcolloc fraŭli canditi li meta tiecolhom sgur tilgħak subgħajc.

U issa la bdejt d'il cantaliena fuk il fraŭli u is-sajf ma irridx inħallicom kabel ma ingħallimcom chif tagħmlu gelat ta'l fraŭli tajjeb tasseŭ. Ħu mimli tazza ta'l *pint* fraŭli magħżula u imgħaffġa minnec; ħallat magħha mimli tazza oħra daksa crema magħmula b'il chif; daks qŭart zoccor abjad m'il aħjar imfarrac tajjeb; u agħsar magħhom lumija frisca. Kejs li kabel tħallat il fraŭli ma'l ħŭejjeġ l-oħra tcun għaffiġtha ġo għarbiel u saffejtha tajjeb m'iż-żerrigħa. Jecc meta tcun kiegħed tgħakkad f'il bezzun iżżid ftit ħalib jagħkad actar malajr.

**Meta idejc jibdgħu jixxakku** li togħrocom b'il glicerina jagħmel tajjeb ħafna, iżda jecc tgħid lil l-ispiżżjar jagħmillec ftit lanolina bl-ossidu ta'ż-żingu u togħroc bihom okgħod sgur li tmur ŭisk aħjar.

Il-lanolina ma hix ħlief ix-xaħam li jcollha taħt il gilda in-nagħġa u dana hu tajjeb ħafna biex il medicina li tcun imħallta miegħu tinxtorob il geŭŭa m'il gilda.

**Jecc ijcolloc il caċċa** u f'ir-rieħ isfel tibda tintinlec roxxha tajjeb b'il cafè midħun frisc u tara chif iżżomloc.

**Min ijrid ijkaŭŭi leħnu** jagħmel hecc: cull f'il għaxija, kabel jorkod, ijħoll ponn melħ fl-ilma frisc chemm jista jcun u jxarrab bih sidru u ŭara jogħorcu tajjeb b'xuguman.

**Jecc trid tgħix b'saħħtec** cul chemm tiflaħ zoccor u ħobbu ŭisk actar m'il laħam. Hecc krajt f'il famus ġurnal ta'l medicina "Lancet" ta's-sena l-oħra li ma nafx chit gie f'idejja. L-aħjar zoccor li tista tiecol hu dac ta'l frott imkadded bħal ma huma iż-żbib, it-tin, it-tamar u oħrajn bħalhom. F'cull tliet t-artal żbib għandec ratlejn xoccor m'il aħjar għal l-ichel. Meta culu chemm tifilħu żbib u l-uliedcom f'loc il ħafna ħelu miżbuħ li tixtrulhom darruhom jieclu kabda sultana u toħorġu b'orħos u aħjar. U jecc tridu tagħmlulhom budina b'il passulina tajjba ħafna agħmlu hecc: ħuda daks qŭart tkiek u agħġnuh tajjeb b'ukitejn butir; ħallat magħhom daks nofs cuċċarina *baking-pouder,* u xi ukitejn zoccor, xi tliet t'eŭiek passulina u mimli cuċċarina cannella trab. Ħabbat żeŭġ bajdied ma cuċċarina ħalib u żidhom ma'l oħrajn. Agħġinhom bħal pasta u kiegħed collox ġo forma li tcun kabel dlict tajjeb bi ftit xaħam ta's-sonża jeŭ butir. Aħmi f'nar bati għal xi nofs siegħa; aktagħha bħal flieli, flieli jeŭ sŭaba, sŭaba, u roxxhom b'iz-zoccor; u hecc bi ftit flus u fi ftit ħin tagħmel *buns* m'il aħjar sustanzjusi ħafna. Ipprova darba biex tara chif it-tfal igiegħluc tarġa.

Lucija Levanzin Inglott.

# CRONOLOGIJA TA' MALTA.

Auuissu.

30—1721. Laħak Iskof tagħna Gori Mancini.

31—1460. Malta ingħakdet ma's-Saltna t'Aragona.

Settembru.

1—1636. Sar terremot cbir.

2—1798. Xegħlet il Campanja contra il Franciżi.

3—1800. Il Franciżi iccapitolaŭ ma'l Ingliżi.

4—1798. Reġgħet saret l-Assemblea Nazzjonali.

5—1545. It-Toroc ħarbtu Għaŭdex.


# CIRCU TEATRU BRITANNIA

## IL FURIANA.

**NHAR IL ĦADD LI GEJ 29 TA AUUISSU**

Tidher ghal l-euuel darba f'Malta il cbira Cumpannia tazzuiemel

**FRANCO AMERICANA**

diretta mil **Cav: NAVA** u tati

**2 RAPPRESENTAZIONIJET 2**

**Leuuel fit-3.30. ta uara nofs inhar—ittieni fit-8.30. ta filgħaxia.**

Dil Cumpannia ghandha Artisti colla giodda, zuiemel mil isbaħ, Pantomimi ta gost cbir u ħafna novitajet oħra, fostom 6 Bakar imgħalmin; l-aħħar novità,

**PREZZIJET.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Posti Riservati | 2s. | Palchi Imo. ordni | 8s. |
| do. | 1s. 6d. | do Parterre | 6s. |
| do. | 1s. | Gallaria | 6d. |

BANDA TA PAULU TA INDRI.

Min ijrid jitgħallem ijfassal seŭŭa ilbiesi ta'l-irgiel u ta'n-nisa jmur għand il Professur Vincenzo Grech, Strada Alessandro, No 5 (fuk Putirjal) il Belt, li tgħallem fl-Accademji ta' Londra, ta' Parigi, u ta' Torin.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il aħjar u m'il orħos?
Ixtru is-sigarretti "Special" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbigħu f'il ħŭienet principali.
F'daŭna is-sigarretti hemm l-armi ta'l cunjomijiet.

Min ijcun ijrid jircanta xi hag'a u jrid jitlak-ha f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kiegħ-din l-Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa jumejn uara il bejgh ghandu jatic il flus, li jcunu dahlu f'idejc; u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur ghand

Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI

TA'

STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,

fejn ijsib ucoll ghal bejgh cull xorta ta' mobbli u fajjenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irhas tasseu.

Min ijrid jixtri

CAUCAU

m'il ahjar, bla tahlit, bla grass u li ghandu fama tajba f'Malta ta' tlietin sena, ijfittex il marca tant imfahhra

BENSDORP

ghand il maghrufa minn cullhadd

C. CAMILLERI & SONS

50-51, STRADA MERCANTI — IL BELT.

U MA JIBDIELUX.

**In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stampa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.**